SANNAT

Minuti tal-erbgħin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa,14 ta' Diċembru, 2011 fis-7.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1973 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 38 li saret fil-20 ta' Ottubru 2011 u tal-laqgħa b' urġenza numru 39 li saret fit-2 ta' Diċembru 2011.

**Item 2. Mill-Minuti**

1973 *(para. 1899)* Rigward it-tender 05/2011 għall-kostruzzjoni tal-proġett tar-recreational area ta' Daħla taċ-Ċnus, il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. kompla x-xogħol. Il-perit ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li ma ħalliex is-soft area żgħira f'nofs il-paving u minflok baqa' għaddej. Inġibditlu wkoll l-attenzjoni li l-entratura tal-proġett għamilha bil-konkos flok bil-grass blocks. Għandhom isiru tlett bollards sabiex ma jidħlux karozzi. Rigward it-tabella "Except for farmers only" Refalo Signs intalab kwotazzjoni li kienet ta' €51 VAT mhix inkluża. Dan għandu jiġi ordnat biex jagħmilha. It-twaħħil tagħha għandu jsir mill-Kunsill. Il-perit qal ukoll li jrid isir tank tal-ilma fuq in-naħa ta' fuq tas-sit u fuq il-ħamrija jsiru l-pipes tad-drip. F'kaz li ma jsirx hekk fis-sajf trid issir tisqija darbtejn fil-ġimgħa permezz ta' bowzer.

1974 *(para. 1900)* Ta' Calamatta Landscaping għamlu x-xogħol kollu fir-Recreational Area ta' Daħla taċ-Ċnus. Huma bagħtu l-kont li kien ta' €2,558.01. Dan il-kont jiġi €125.76 ċ aktar għar-raġuni li bidel 3 palmiet ma' siġra taż-żebbuġ biex titħawwel fin-nofs tal-paved area. Il-Kunsill approva x-xogħol. Ta' J. Portelli Projects ġabu x-xogħol minn barra u għandhom jibdew ix-xogħol immedjatament.

1975 *(para. 1947)* Rigward id-*Double Yellow Lines* fi Triq Saguna fejn hemm il-garaxxijiet, skont it-Transport Malta dawn il-lines iridu jsiru quddiem id-dar Sardinella. Il-Kunsill irid li dawn isiru quddiem il-garaxxijiet faċċata tat-triq biss. Transport Malta għandha tiġi nfurmata.

1976 (*para. 1902*) Rigward il-proġett tal-Measure 313 il-perit bidel l-iskeda tax-xogħol skond ma pproponew il-Paying Agency. Din l-iskeda emendata ġiet approvata mill-Paying Agency. Ix-xogħol fuq ir-restawr tal-ħitan beda. Il-laqgħa li jmiss tal-Measure 313 u Measure 323 ser issir fis-16 ta' Diċembru 2011.

1977 *(para.1903)* Rigward it-transport tat-tfal tal-iskola primarja, il-ġenituri ta' dawn it-tfal ġew infurmati li t-transport ser jiġi pprovdut minn Jannar 2012 għall-prezz ta' €76.80ċ kull persuna. Wara li naqsu iktar tfal dan il-prezz ser jitla' iżjed. Żewġ ġenituri biss ikkonfermaw. Il-Kunsill qed jikkunsidra li jagħmel Mini Bus.

1978 *(para. 1906)* Rigward il-Bus Shelter ta' Triq ta' Ċenċ il-perit ġie avzat biex din tiġi spustjata fejn ta' Jason Curmi fi Triq Ta' Ċenċ.

1979 *(para. 1909*) Il-Kunsill qabel li d-dustbin jitwaħħal fil-Pjazza tax-Xelina bejn it-tieqa u l-bieb tal-klinika tat-tabib Refalo.

1980 (para. 1910) Rigward il-bozza L009 li hemm fi Triq ta' Ċenċ fejn tal-Venun biex tiġi mkabbra l-ilment għadda lill-Enemalta.

1981 *(para.1911)* Il-bollard fil-kantuniera ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 ma' Triq il-Kbira twaħħlet.

1983 *(para. 1912)* Rigward it-tender tal-proviżjon tal-fanali ta' Triq Sannat, Calleja & Sons Ltd. il-Kunsill ġie nfurmat li dawn ser jaslu sa l-aħħar ta' Diċembru jew il-bidu ta' Jannar.

1984 *(para. 1913)* Rigward il-kwotazzjonijiet tal-PABX (Nru. 7/2011) għall-uffiċini tal-Kunsill Amministrattiv il-ġdid għadu jistenna ir-rakkomandazzjoni tal-Galea Curmi Consultants.

1985 *(para. 1915)* Paul Camilleri li xeħet il-kwotazzjoni tal-Vertical Blinds (Nru. 6/2011) ġie kkuntatjat u għandna ngħidulu meta jibda x-xogħol.

1986 *(para. 1931)* Ittra mill-MEPA bagħtu l-permess tal-applikazzjoni PA/04831/10 tal-Country Road Off Triq Ras in-Newwiela.

1987 *(para.1935)* It-tiżjin bid-dawl tal-Milied fi Triq Sannat, kif ukoll l-stilla ma' kull fanal tal-pjazza saru. Il-presepju ġie mdawwal u nxtara fistun għall-gallerija tal-Kunsill.

1988 *(para. 1937)* Għandha ssir attivita' tal-Milied għat-tfal li ser issir fl-Oratorju Dun Bosco fejn ser jittieħdu jaraw film u tiġi tiswa madwar tlett euro kull persuna kif ukoll t-tfal jingħataw borża tal-ħelu.

1989 *(para. 1938)* Rigward il-gallettini biex jitqassmu lill-anzjani fil-Milied, il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tali tqassim ta' gallettini hu donazzjoni u għalhekk ma jistax jsir.

1990 *(para.1939)* It-tender tat-tindif tat-toroq urbani ħarġet u ser tagħlaq fis-19 ta' Diċembru 2011.

1991 *(para. 1942)* Rigward it-talba għal għajnuna ta' €50 kull persuna sabiex sitta minn ta' Sannat li jattendu l-iskejjel sekondarji tar-Rabat biex jagħmlu safra fi Brussels, il-Kunsill ġie nfurmat li dan hu donazzjoni u għalhekk ma jistax jsir.

SANNAT

1992 *(para. 1958)* Rigward il-moll ta' Mġarr ix-Xini fejn is-slipway qed iċedi, il-Kunsill irċieva acknowledgement mingħand it-Transport Malta u li ser jieħdu ħsieb tal-kaz.

1993 *(para. 1990)* Wara li nkitbet ittra lis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita u Sannat Lions F. C. rigward il-WiFi internet, is-Soċjeta Muzikali V. M. irrispondew li huma nteressati. Huma jridu biss li titpoġġa kaxxa żgħira fil-bar u l-Kunsill jħallas l-ispejjes tal-kaxxa.Għandu jsir sub meter tad-dawl biex jitħallas il-konsum. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Soċjeta' Mużikali Santa Margarita.

1994 *(para. 1993)* Rigward il-kwotazzjoni tal-mappa tal-lokalita' Refalo Signs ġie nfurmat. Hu kellem lill-perit għaliex irridu nagħmlu applikazzjoni għand il-MEPA biex huma jipprintjaw il-mappa. Frame tal-kwotazzjoni hu iswed jew aħdar. Jekk kulur l-injam dan il-frame jiġi jiswa żjed.

1995 *(para. 1994)* Rigward l-ilment tal-ħmieġ li nxeħet fi Triq Mġarr ix-Xini dan ġie miġbur permezz ta' Open Skip.

1996 *(para. 1996)* Emanuel Curmi li tqabbad biex jiżbor is-siġar ta' Triq il-Kbira għandu jiżbor ukoll is-siġar ta' Triq Dun Lażru Camilleri għaliex ġie kkuntatjat id-Dipartiment tal-Aġrikultura. Il-Kunsill ġie nfurmat li jista' jiżbor is-siġra ta' Triq Dun Lażru Camilleri. Dan għandu jsir għada minn Emanuel Curmi.

**Item 3. Korrispondenza**

1997 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Nru. 110/2011 rigward Mistoqsija Parlamentari dwar x'faċilitajiet joffru l-Kunsilli Lokali għal persuni anzjani u persuni b'diżabilta' kemm matul il-jum u anke matul il-lejl.

1998 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Nru. 111/2011 rigward konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rigward "Noice Pollution".

1999 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Nru.112/2011 rigward ħidma li qed issir biex titnaqqas il-konġestioni tat-traffiku u jitjieb is-servizz tat-transport pubbliku b'mod partikulari waqt il-ħinijet ta' filgħodu.

2000 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Nru. 113/2011 rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 30096 dwar skemi ta' għajnuna għar-riabilitazzjoni tal-kumpanija u l-ħitan tas-sejjieħ li għalihom jistgħu japplikaw il-Kunsilli Lokali.

2001 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Nru. 114/2011 rigward taħriġ għal ideat innovattivi fl-applikazzjonijiet tal-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

2002 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Nru. 115/2011 rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 30429 dwar jekk hemmx il-ħsieb li jinħolqu żoni pedonali fir-Rabat u fl-irħula ta' Għawdex.

2003 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali 116/2011 rigward talbiet mill-Kunsilli Lokali għal Self mill-Bank.

SANNAT

2004 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali 117/2011 rigward skema nazzjonali ta' għajnuna għal min hu fil-bżonn – Agenzija għall-pagamenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar tqassim ta' prodotti tal-ikel mill-E.U.

2005 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali 118/2011 rigward EIE Excellence Leadership Scolarship and Award.

2006 Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali 116/2011 rigward L-Eżensjoni mill-obbligu tal-ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv nhar ta' Sibt għall-24 ta' Diċembru u l-31 ta' Diċembru 2011. Il-kunsill qabel li f'dawn il-ġranet l-uffiċċju ma jinfetaħx.

2007 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-proċedura biex jiġi mpjegat ħaddiem ġdid mal-Kunsilli Lokali.

2008 Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 24/2009: Skema ta' finanzjament għall-aċċessibilita' aħjar fil-lokalita'. Il-Kunsill ser jingħata sal-31 ta' Diċembru 2011 sabiex ilesti dan ix-xogħol fl-uffiċċini tal-Kunsill. Ix-xogħol tal-pit tal-lift hu lest. Tal-lift ġie nfurmat u ġie mitlub jibgħat il-kopja tal-kuntratt tal-Kunsill.

2009 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Applikazzjonijiet biex tkun ipprovduta sorveljanza kmieni filgħodu u wara l-ħin tal-iskola fl-iskejjel tal-istat.

2010 Ittra mill-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali li qiegħdha iżżomm laqgħat b'mod regolari maċ-chairman tal-MEPA sabiex tressaq l-ilmenti tal-Kunsilli.

2011 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa li kellha maċ-CEO tal-Water Service Corporation fejn ġie nnutat li l-maġġjoranza tal-Kunsilli Lokali mhumiex jagħmlu reinstatement fit-toroq wara li jkun sar ix-xogħol mill-WSC skond il-ftehim li l-istess Assoċjazzjoni kienet għamlet madwar sena u nofs ilu. Din qalet li jekk dan ix-xogħol ma jsirx mill-Kunsilli konċernati sa l-aħħar ta' Frar 2012, il-WSC ser tqabbad il-kuntrattur tagħha biex jagħmel dan. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa maċ-CEO tal-Water Service Corporation.

2012 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qalet li l-Assoċjazzjoni msejħa "Noise Abatement Society of Malta" tixtieq tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali biex isiru inizjattivi flimkien.

2013 Ittra milll-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ser torganizza konferenza internazzjonali fis-16 u s-17 ta' Jannar li tagħmel parti mill-proġett li qed jitwettaq mill-ALDA msejjaħ STANDUP. Applikazzjonijiet sa' 6 ta' Jannar 2012

2014 Ittra mid-Dipartiment għal Eco-Għawdex u Żvilupp Reġionali li l-applikazzjoni tal-Kunsill Ref. Nru. 8 għal *Pedestrianisation of open space at Triq Skerla* ġiet approvata u ser jingħata grant sa massimu ta' €27,777. Rigward l-applikazzjoni l-oħra għal Upgrading of *Sannat Playing field including new energy efficient lighting system, increase in soft landscaping and water irrigation s*ystem ġiet assessjata pożittivament imma l-massimu tal-flus disponibbli għal Kunsill Lokali ta' Sannat inqabes fuq proġetti oħra.

2015 Ittra min għand Malta Transport dwar il-Mappa tal-lokalita' fejn huma qalu li ma jsibux oġġezzjoni jekk din titpoġġa parallel mal-bini tal-bini fil-viċinanza bil-kundizzjoni li din ma tostakolax il-bankina għaliex din hi ġa dejqa. Importanti ukoll li d-dawl ma jkunx jirrifletti. Huma rrakomandaw ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li din l-Information Sign titpoġġa fil-*footway* madwar il-knisja u d-dawl jiġi pprovdut permezz ta' solar panel zgħira.


Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

2016 Ittra mil l-ETC li l-parteċipazzjoni fl-iskema tas-Sinjuri Peter Paul Farrugia u Francis Magro ġie mġedded għal sitt xhur oħra.

2017 Ittra mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-avviż ta' smiegħ tal-MEPA dwar l-Applikazzjoni PA/02161/10 u l-Appell Nru. 00779/11 li ser isir is-smiegħ tiegħu.

2018 Il-Moviment ta' Kana Għawdex ser jiorganizza il-Konkors "Familja Qalb tad-Deheb sena 2011. Ir-Rakkomandazzjonijiet jintlaqgħu sal-24 ta' Diċembru 2011.

**Item 4. Ilmenti**

2019 Luiga Bajada ta' Triq il-Kbira ilmentat li fil-ġnien ta' Triq il-Kbira hemm xi xtieli tal-qsari mejta. Għandna naraw x'hemm bżonn u nixtruhom.

**Item 5. Materja Oħra**

2020 Ġie ppreżentat ir-rapport amministattiv tal-Gozo Joint Committee tas-Street Lighting għas-sena 2009 u għas-sena 2010.

2021 Fil-15 ta' Diċembru 2011 hemm il-kawża tal-Barumbara biex titkompla.

2022 Is-Sur Joe Vella ta' Triq Ta' Ċenċ talab sabiex issir bozza ġdida għaliex hemm id-dlam. Din ġiet approvata.

2023 Rigward il-bozza l-ġdida ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 kantuniera ma' Triq Qortina, is-Sindku qal li John Hili jrid li l-wires ma jeħlux mad-dar tiegħu fuq il-brackets. Il-Kunsill qabel li dan jiġi nfurmat jekk iridx li l-wires mal-brackets jitwaħħlu mad-dar tiegħu. Jekk le din tiġi kkanċellata.

2024 Rigward Johny Cauchi li kien għamel ir-recording ta' Notte Scarlata 2010 tad-dramm għadu taniex kopja tiegħu. Ronnie Dimech li ta s-servizz tas-sound ta' Jum Sannat u bagħat kont iżjed mill-kwotazjoni għandhom it-tnejn jiġu mitluba jiġu fil-laqgħa tal-Kunsill.

2025 Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara UPS għal komputer tal-iskrivana.

2026 Il-Kunsillier Teddie Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni tal-ġnien ta' Triq il-Gruwa. Is-Segretarju għandu jkellem lill-perit biex jerġa' jivverifika jekk hux possibbli li ssir applikazzjoni u jinħareġ il-permess.

2027 Is-Segretarju u l-iskrivana talbu bil-miktub sabiex il-vacation leave ta' din is-sena li għad fadlilhom jiġi transferit għas-sena 2012. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

2028 Il-Kunsill qabel li għal żmien il-Milied għandha ssir ikla għal Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill. Din għandha ssir fis-6 ta' Jannar 2012.

**Item 6. Performance Bonus tal-Impjegati**

SANNAT

2029 Meta l-Kunsill ġie għall-approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati, is-Sindku talab lis-Segretarju biex joħroġ ftit mill-kamra tal-laqgħa. Is-Segretarju qallu li hu mhux obligat joħroġ mill-kamra waqt id-diskussjoni tal-Performance Bonus tiegħu, imma hu ser joħroġ mill-kamra xorta waħda. Is-Segretarju qal lil Joe Bajada u Teddie Bajada biex joħorġu mill-kamra wkoll. Wara xi ħin is-Segretarju ġie msejjeħ biex jidħol fil-kamra tal-laqgħa. Wara li kompliet id-diskussjoni, il-Kunsill approva l-Performance Bonus tas-Segretarju bl-10%. Il-Kunsilliera li kienu barra l-kamra tal-laqgħa daħlu. Dawk tal-Assistant Prinċipal u tal-iskrivana ġew approvati bis-6%.

**Item 7. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

2030 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skond Skeda Nru. 19 annessa mal-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |